MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 770/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Vella Graziella**
**ID 486479M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2012 fejn il-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija disgha u disghin ewro wiehed u erbghin centezmu (€399.41) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79486479 numru tal-kont *A/C 51093637,* moghtija mis-Socjeta' attrici u dan skont kif jirrizulta' mill-annessi

dokumenti markati A u B u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda' baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-28 ta' Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija disgha u disghin ewro wiehed u erbghin centezmu (€399.41) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------